MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Numru. 1305/2006

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)

vs

Edward Attard

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Edward Attard ta' 21 sena bin Anthony u Benigna nee' Micallef imwieled Pieta' nhar l-1 ta' Jannar, 1985 u residenti "Wirt Il-Hidma", Triq il-Kaccatur, Qormi, detentur ta' karta ta' l-identita numru 128086M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-4 ta' Ottubru, 2006 waqt li kien gewwa Hal Qormi ghall-habta tal-

11.00a.m. ghamel offizi ta’ natura hafifa fuq huh Joseph Attard, skond kif iccertifika Dr Joseph Galea M.D. tac-Centru ta’ Sahha, Floriana, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-huh Joseph Attard sabiex ingurjah, dejjqu u ghamillu hsara, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari u munizzjoni, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma ta’ nar imsemmija fl-Iskeda II tal-Kap 480 minghajr ma kienet irregistrata u minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien qed igorr arma ta’ nar ikkargata u b’mod insigur f’post abitat, talli fl-istess data u/jew granet qabel akkwista jew giet f’idejh arma ta’ nar u munizzjon xort’ohra milli ghax ghandu licenzja, u naqas li javza minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Joseph Attard u dan kif hemm indikat fl-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 14 ta’ Frar, 2006 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar fit-2 ta’ Frar, 2007 *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 6).

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghas-sitt akkuza, liema akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi

legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qieset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. Il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta (Dok. MC2 a folio 10).
2. Il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri.
3. Il-fatt li l-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ bejn zewg ahwa, u cioe’ l-imputat u huh Joseph Attard, u l-fatt li dan ta’ l-ahhar deher fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2007 fejn irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti ta’ l-imputat u ddikjara li hafirlu ghall-akkadut.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 221 (1), 17, 339 (d) u 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 5 (1), 51 (2) u 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Edward Attard, hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-hames akkuza kif minnu ammessi u tikkundannah ihallas multa ta’ tlett mija u hamsin lira Maltin (LM350) li bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas f’rata mensili konsekuttivi ta’ hamsin lira Maltin (LM50) b’dan illi l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-28 ta’ Frar, 2007 b’dan illi jekk l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hames liri Maltin (LM5) dovuta.

Wara li rat l-Artikolu 56 tal-Kap 480, il-Qorti tordna l-konfiska ta’ l-arma tan-nar u hames bullets li gew esebiti fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2007 (Dok. MC4).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------